XEWKIJA

**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 11**
**16 ta' Dicembru 2013 fl-4:00p.m.**

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fl-4:00 p.m.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Sinjura Dr. Monica Vella | Vici-Sindku |
| Sinjura Jeanelle Attard | Kunsilliera |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |
| Sur George Zammit | Kunsillier |
| Sinjurina Kristy Sciberras | Ambaxxatrici tal-Vot 16 |

**Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Sinjura Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

Intqgħalet it-Talba

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 8, 9 u 10 kienu tqassmu qabel u għalhekk gew approvati.

2. **Harga Anzjani u Tfal tal-Milied**

   Il-Kunsill qabel li ghandha terggha issir l-attivita' ta' l-anjani u tat-tfal. L-anzjani jħallsu €7, jmorru jaraw presepju, ikla b'tombla u spot prizes u tingħata rigal lil kull anzjan. Il-kunsill qabel ukoll li dawk l-anzjani li ma joħorgux mid-dar jingħataw rigal ukoll. Rigward l-attivita' tat-tfal iħallsu €3.50, jmorru dawra b'top up bus, ic-cinema u jingħataw drink u popcorn. Il-Kunsill qabel.

3. **Latrina fi Pjazza San Gwann Battista**

   Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni li l-Kunsill ircieva ittra mingħand id-dipartiment tal-Kunsill rigward l-iskema Accessibilita' Aħjar fil-Lokalitajiet. F'din l-ittra l-Kunsill gie infurmat li jrid jitlesta x-xoghol sa Dicembru 2013 biex ma jintilfux il-fondi ta' €6,500. Is-Sindku qal li dawn il-fondi gew mogħtija f'Dicembru 2011 u x-xogħol beda f'Dicembru 2012. Il-Vici Sindku qalet li kien hemm it-tendering

procedures li riedu jsiru qabel jibda x-xogħol. Is-Sindku gibet l-attenzjoni ukoll li kien hemm zewg problemi li l-kunsill ma kellux kontrol fuqhom, il-leakage tad-drenagg li ried jinħareg LA minn WSC u l-problema tal-monitoring rigward is-shelter mis-Sovrintendenza. Il-Kunsilliera George Zammit u Jeanelle Attard gibdu ukoll l-attenzjoni li biex titkompla l-latrina jrid ikun hemm il-flus. Dr. Monica Vella qalet li hemm flus allokati għall-latrina għax kieku l-kunsill ta' qabel ma kienx jibda dan il-progett. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard għamlitha ċara li hi ma taqbilx li titkompla il-Latrina Pubblika tal-Pjazza peress li hemm l-ilmenti tan-nies li joqgħodu hemm. Il-Vici Sindku qalet li din il-latrina qegħda hemm biex taghti servizz lir-residenti. Is-Sindku qal illi x-xogħol fuq il-latrina ser jitkompla skont il-qaħda finanzjarja tal-kunsill.

Dan il-ħin is-Sindku gibet l-attenzjoni li hu talab lil accountant tal-Kunsill biex tagħmel rendikont finanzjaru iehor biex l-affarijiet ikunu cari ukoll min naħa tagħha. Is-Segretarja qasmet ir-rapport lil-Kunsilliera prezenti. Is-Sindku qal li l-konkluzzjonijiet li waslet għalihom l-Accountant tal-Kunsill kienu jaqblu ma dak li gie ipprezentat minn APEX Business Services Ltd. Hu kompla jgħid li r-rapport juri bic-car li flus la ghall-Latrina fil-pjazza m'hemm u lanqas għall-progett tal-bankini tal-Hamrija m'hemm u dan deher fic-car fiz-zewg rapporti. Dr Monica Vella uriet li ma taqbilx mar-rapport. Is-sindku kompla jergħha jgħid li l-kaz huwa magħluq peress li hemm zewg rapporti li jindikaw l-istess imħejjijha minn esperti f'dan il-qasam, f'kemm mill-kunsill kif ukoll indipendenti.

Il-Kunsill qabel li għandha tintbgħat ittra lid-dipartiment fejn jintalab zmien aktar minn naha tagħhom u jigi spjegat il-problemi tat-tendering procedures, il-leakage tad-dranagg u l-monitoring li ried isir mis-Sovrintendenza. Dr. Monica Vella gibdet l-attenzjoni ukoll li meta saret l-applikazzjoni u l-Kunsill inghata l-fondi l-ammont kellu jkun ta €10,000 u mhux kif infurma d-Dipartiment €6,500. Is-Segretarja ghandha terga tara fuq dan.

## 4. Ikla tal-Milied tal-Haddiema tal-Kunsill

Is-Segretarja pprezentat il-menus li kienet irciviet. Il-Kunsillieri George Zammit dan il-ħin ħareg. Il-Kunsilliera ma ħadux decizzjoni u ser tigi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 5. Sotto Kumitat Kulturali

Tqassmet kopja tal-minuti tal-laqgha lil kunsilliera prezenti. Is-Sindku gibet l-attenzjoni li hu qed ikun prezenti għal dawn il-laqghat u li hu issugerrixxa dan it-titlu. Hu kompla jghid li dawn il-persuni jkunu jieħdu ħsieb l-attivitajiet li jkollu l-Kunsill u l-affarijiet li jigu issugeriti fil-laqgħa jkunu bl-approvazzjoni tal-Kunsill. Kristy Sciberras li hi parti mis-Sotto Kumitat qalet li ser isir Kalendarju ta' l-attivitajiet biex ma jahbtux attivitajiet tar-raħal ma xulxin u li hi tissugerrixi li jsir kull xahar. Gie diskuss ukoll li issir kompetizzjoni għal l-ahjar tpingija ta' poster tal-Karnival. Il-Kunsill qabel. Dr. Monica Vella infurmat li hi ma kienetx mgharfa

li l-karnival ser isir fuq gurnata waħda u dan peress li meta giet diskussa ma kientx prezenti. Dr. Monica Vella ma taqbilx li isir fuq gurnata waħda. Il-Kunsill qabel ukoll li l-attivita' tal-Karnival isir fil-Pjazza San Gwann Battista minflok fi Triq il-Ħamrija.

6. **Approvazzjoni ta' ħlasijiet**

Il-Kunsilliera kollha prezenti qablu li Gatt Tarmac għandu jithallas €40,000 fuq it-tieni batch tal-PPP. Dr. Monica Vella iddikjarat li hi izomm ir-riserva fuq l-ammont ta' €30,000 differenza fuq it-tieni batch.

Monica iddikjarat li fuq affarijiet li ma gewx approvati qabel li saret laqgħa tal-Kunsill ma tapprovahomx.

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

7. **Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa**

**Mill-Korrispondenza**

i. Memo 28/2013 dwar Pool gdid ta' Segretarju Ezekuttivi Prospettivi
ii. Memo 27/2013 dwar ġbir ta' skart separat.
iii. Memo 32/2013 dwar Kuntratti u/jew sejħiet għall-offerti tal-Kunsilli Lokali dwar skart
iv. Mistoqsija Parlamentari numru 6135 dwar l-konsulenti legali tal-Kunsilli Lokali
v. Mistoqsija Parlamentari numru 6134 dwar l-konsulenti legali tal-Kunsilli Lokali
vi. E mail mingħand Local Governmnet Association dwar taħrig fil-computers mill-MCA
vii. E mail mingħand ir-Regjun t'Ghawdex dwar it-trattament tas-sigar tal-Palm f'Ghawdex
viii. Ittra mingħand il-Ministeru ghall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-tibdil fil-Klima dwar seminar fejn isir l-Prezentazzjoni tal-Abozz tal-Pjan ghall-Immaniggjar tal-iskart 2013-2020
ix. E mail mingħand is-Segretarjat Parlamentari ghall-Kultura u Gvern Lokali dwar Prezentazzjoni tal-Abozz tal-Pjan għall-Immaniggjar tal-iskart 2013-2020
x. E mail mingħand Kunsill Lokali Marsaxlokk dwar laqgħa fuq Swieq fil-Berah
xi. E mail mingħand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Kuncert Gala fl-Okkazjoni tal-20 Sena Anniversarju mit-Twaqqif tal-Kunsilli Lokali

xii. Memo 30/2013 dwar Korrispondenza mad-Dipartiment Għall-Gvern Lokali

xiii. Memo 29/2013 dwar Ikliet/Riceviment organizzati mill Kunsilli Lokali

xiv. E mail mingħand ir-Regjun t'Għawdex dwar seminar 20 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali- ir-rwol u relevanza taghhom illum.

xv. Stedina mis-Socjeta Filarmonika Prekursur għal-ikla anwali tal-Milied.

## 8. Affarijiet Ohra

i. Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni li hemm zewg computer screens (wiehed flat screen u iehor stil antik) li ma jaħdmux. Is-Segretarja ipprezentat raport ta' wiehed minnhom (flat screen) min persuna esperta f'dan il-qasam fejn qal li mhux viabli li dan jitranga. Il-Kunsilliera qablu li għandhom jintremaw.

**ii.** Rigward l-ittra mingħand id-Dipartiment Propjeta' tal-Gvern dwar kera tal-Gnien Pubbliku u Playing Field fi Triq il-Ħamrija il-Kunsill iddecieda li m'ghandux jithallas il-kera bl-ammont ta' €3,028.22 li l-kont jkopri l-perjodu mis-sena 2001 u 2014. Dan peress li huwa post publiku u kien ga jezisti snien ilu u jintuza mill-pubbliku min qabel it-twaqqif tal-Kunsilli. Is-Segretarja għandha tinforma lid-dipartimenti koncernati b'dan.

iii. Is-Sindku informa li fil-laqgħa li saret bejn il-Kunsill ta' Sannat, Ix-Xewkija u l--Action Group Committee gie deciz li jinħatar Wally Terrible bhala l-Project Leader f'Mgarr ix-Xini Valley Regional Park. Dan ikun il-persuna inkarigata li tidher għal zewg irħula. Il-Kunsill qabel. Dr. Monica Vella għamlet suggeriment li kieku sew ikun hemm persuna oħra tidher f'isem ix-Xewkija ukoll.

iv. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard u Kristy Sciberras gibdu l-attenzjoni rigward it-toqba li jixtiequ jagħmlu l-Kumitat Zgħazagħ Xewkin fil-Pjazza San Gwann Battista li tibqa min sena għal oħra biex titpogga l-umbrella go fiha u tingħalaq b'tappiera matul il-granet l-oħra. Il-Kunsill qalbel li dawn imorru ikellmu l-perit tal-Kunsill.

## 9. Ilmenti u suggerimenti

**i.** Il-Kunsill Dominic Zerafa gibed l-attenzjoni li hemm bzonn titranga l-istat tat-triq fl-area tal-Kus hdejn il-heliport. Il-Kunsill qabel.

## 10. Tmiem il-Laqgħa

Il-Laqgħa giet aggornata fis-7:30 p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Paul Azzopardi |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |